MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 209/2009/1

**Lorraine Sapiano (ID 185584 (M)**

**vs**

**Karl Busuttil (ID 81481 M).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-30 ta' Mejju 2011 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

***Ra*** *l-AVVIZ li permezz tieghu l-attrici qed titlob minghand il-konvenut rifuzjoni ta' erbat elef, erba' mija, hamsa u ghoxrin ewro wiehed u tmenin centezmi (€4,425.81c), flus imhallsa lill-konvenut fuq bejgh ta' Tata Indica nru HBC*

*409 (qabel TFD 882) li t-trasferiment taghha ma sehhx u l-konvenut accetta li jiehu l-vettura lura.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' 3 ittri interpellatorji u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-AVVIZ u bl-imghax legali mill-24 ta' Lulju 2008 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.*

***Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-*

*1. Preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ratione valoris tat-TRIBUNAL stante li t-TALBA teccedi €3,400 (Lm1,500)*

*2. It-talbiet preskritti b'terminu ta' sentejn.*

*3. Fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz hu esagerat stante li l-attrici ghamlet uzu estensiv mill-vettura kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjes.*

***Ra** li dwar l-eccezzjoni preliminari it-TRIBUNAL laqgha t-talba tal-attrici biex it-TALBA tigi mnaqqsa ghal €3,494.06 (a fol 6). Il-partijiet qablu wkoll li jkun hemm sentenza wahda li tkun tkopri l-mertu u l-eccezzjonijiet kollha.*

***PROVI***

*A1 **Jason Cassar** xehed li kien mal-attrici meta, f'Paceville, raw it-Tata bl-avviz maghha ghall-bejgh u waqfu u kellmu lill-konvenut. Dan kien meta jitkellem ma jiftihemx (minhabba difett). Fehmu li riedhom jiftehmu ma missieru. Fehmu li kien qalilhom "never crashed".*

*2 Iltaqghu mal-missier u ppruvaw il-vettura u ddecidew li jixtruha u l-ghada hallsuh Lm1,900 cash. Meta gie biex jaghmel it-trasferiment ghal fuq l-attrici bdew il-problemi. Sabu li **n-numru tal-magna ma kienx jaqbel ma dak tal-Logbook.***

*3 Sabu problemi mal-pulizija u bdew gejjin iccitazzjonijiet minhabba l-licenzja mhux imgedda u spiccaw biex il-Pulizija gabru l-vettura. Saru jafu wkoll li l-vettura kienet*

*qabel involuta f'incidenti stradali serji. Spicca jghidilhom "jekk tridu tellghuni l-Qorti".*

*B L-attrici* ***Lorraine Sapiano*** *ressqet affidavit li l-punti ewlenin tieghu kienu dawn; uzata l-istess enumerazzjoni fl-affidavit:-*

*1. qablet ma' Jason Cassar (boy friend) dwar kif saru jafu bil-vettura, ppruvawha u xtrawha wara li gew assikurati "never been crashed. Never an accident"*

*2. hallset LM1900 u l-ghada kellhom imorru ghall-VRT test u ghat-trasferiment tal-vettura fuq isimha.*

*3. tal-garage m'ghaddihiex mill-VRT ghax innumru tal-magna attwali ma kienx jaqbel ma dak fil-Logbook. L-intimat innega, izda meta vverifikaw mal-Agent tat-Tata sabu li dik il-vettura kienet involuta f'habta kbira li htieget bdil ta' magna.*

*4. damet xi sena u nofs tigri warajhom biex igibulha l-karti tal-bdil tal-makna – telefonati, SMS ecc.*

*5. ma setghetx iggedded il-licenzja. Qalghet tahrikiet u kienet tgharraf b'dan lill-Intimat u missieru. Ghal 6 xhur zammu lit-Tata gewwa, tohrogha ghal xi qadja biss.*

*6. wara xi sena u nofs waslu l-karti tal-bdil tal-magna. Missier l-Intimat hadha f'garaxx ghall-VRT test, hallset hi u l-vettura ghaddiet. Ftehmu ghat-trasferiment fuq isimha u nsistiet li l-konvenut kellu jhallas ghat-tigdid tal-licenzja. Haduha ghand l-Avukat taghhom li qalilhom li kellu jikteb lill-Bord tal-Petizzjonijiet biex jinhafer dak relativ ghac-citazzjonijiet minhabba nuqqas ta' tigdid ta' licenzja.*

*7. marru ghandha l-Pulizija ta' Haz-Zabbar u spjegatilhom l-istorja u baghtu ghall-Intimat u resaq missieru li qal li kien ser ihallas u l-istorja tispicca hemm billi mbaghad Karl idawwar il-licenza fuq isem l-attrici.*

*8. cemplet lil missier l-Intimat tinsisti li jmur ihallas. Xi jiem wara rat lill-Pulizija ser jirmunkaw lit-Tata li kienet*

*barra l-bieb u cemplet lill-Intimat. Ftehmet li kellu jmur ghac-cavetta biex jirtira l-car wara li jhallas dak dovut izda ghac-cavetta ma marx u l-car baqghet St. Andrews. (ie ghand il-Pulizija)*

*9. fl-ahhar missier Karl qalilha ma ccempilx izjed u jekk trid ittellaghhom il-Qorti.*

*10. il-Pulizija fittxew lill-Intimat talli ma avzax bit-trasferiment tat-Tata. Sentenza esibita bhala Dok LS1 u verbal fejn l-Intimat iddikjara li kien qed jiehu t-Tata lura – Dok LS1*

*11. kopja tal-ahhar interpellazzjoni mill-attrici lill-konvenut*
*– Dok LS 3*

*E Il-Verbal imnizzel fl-udjenza tal-Qorti tal-Magistrati (a fol 17), datat 5 ta' Frar 2009 (fejn l-attrici odjerna hi mnizzla bhala parti civili) jghid, inter alia, li l-imputat Karl Busuttil (Intimat f'din il-kawza quddiem it-Tribunal) kien iddecieda li jiehu l-vettura lura u hawn il-parte civile ddikjarat li kienet qed tirriserva kull dritt spettanti lilha.*

*F Wara dan, b'ittra datata 5 ta' Marzu 2009, l-avukat tal-attrici talab m'ghand il-konvenut ir-rifuzjoni ta' Lm1900 (a fol 18).*

*G1* ***Robert Sapiano****, hu l-attrici qal li hu kien jaf bl-affarijiet t'ohtu fir-rigward tat-Tata u gieli cempel lil missier l-Imputat dwar it-trasferiment u kien weghdu li ser isir.*

*2 In kontro-ezami qal li ohtu ghamlet xi sena tuza l-vettura, u din damet xi sena garaxxjata. Mieghu missier l-Imputat kien stqarr li l-hlas tal-vettura kien sar.*

*H* ***Brian Leonard Jones****, stepfather tal-attrici xehed bl-Ingliz (a fol 21 et seq) u xehed fis-sens tal-attrici u x-xhieda*
*precedenti. In kontro-ezami qal li jahseb li kien fl-2004 li nxtrat it-Tata.*

*l1 **Karl Busuttil**, Intimat, xehed b'affidavit (a fol 27 et seq). Qal li kien xtara t-Tata fis-sena 2000 bil-prezz ta' M3500 u dana minhabba nuqqas ta' taxxa ghax hu persuna b'dizabilita'. Semma' l-bejgh lill-attrici, u li t-Tata kellha makna mibdula minhabba ncident izda l-Logbook baqa ma nbidilx.*

*2 Billi l-licenza baqghet fuq ismu, meta rcieva t-tahrikiet minhabba xi kontravvenzjonijiet bit-Tata mar l-ADT u hemm sar jaf li l-vettura kienet ghadha tghajjat lilu. Il-bejgh kien sar fit-22 ta' Settembru 2005 u l-ewwel kontravvenzjoni saret fil-5 ta' Ottubru 2005.*

*3 Irrejalizza li fil-Logbook kien hemm problema minhabba n-numru tal-makna gdida. Pero sal-1 ta' Gunju 2008 jirrizulta, minn citazzjoni, li l-attrici baqghet tuza l-vettura.*

*4 Riedu li l-attrici thallas tal-kontravvenzjonijiet li kkommettiet hi u huma jhallsu dak dovut dwar nuqqas ta' tigdid ta' licenza izda hi ma rieditx. Allura hu kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u **b'hekk il-vettura ngabret mill-Pulizija**.*

*5 Kontro ezaminat fl-udjenza tat-30 ta' Marzu 2010 qal (a fol 50):*
*"I sold the car to Lorraine in September 2005. I did not tell Lorraine that I had an accident with the car because I had fixed the car. When I had fixed the new engine I made sure that everything was in order. In fact I never had any problems with my car. The insurance had told me that everything is in order. I got the papers for the new engine in April 2003. I kept those papers and I did not give them to Lorraine Sapiano. I knew that Lorraine had a problem to do her VRT but I couldn't understand why she had the problem. I do not remember Lorraine calling me a number of times for me to give her the new engine papers. I do not remember that when we gave the papers to Lorraine she could do the VRT. This was five years ago. I know that the Police took the car away from Lorraine. I do remember coming to Court because I had not done the*

*transfer. I do not remember stating before the Court that I would take the*
*car back. I do not know where the car is at present.*

*J* ***James Busuttil,*** *missier il-konvenut ta' spjegazzjonijiet simili ghal dawk li ta ibnu fl-affidavit tieghu dwar l-akkwist tat-Tata u l-bdil ta' magna. Meta din inbieghet lill-attrici, ibnu hallas id-dazju fuqha billi din ma baqghetx fuq ismu bhala dizabilitat. Semma wkoll x'wassal biex ibnu rrapporta lill-Pulizija dwar l-uzu tal-vettura meta kien ghad ma sarx it-trasferiment tal-licenza ghal fuq isem l-attrici.*

*(Nota tat-Tribunal: ara fir-rigward d-Dok XYZ1-53, korrispondenza mill-Avukat tal-Kunsill Lokali M'Scala dwar kontravvenzjonijiet)*

*K1* ***Stephen Cachia*** *ghall-ADT xehed, fit-**22 ta' Frar 2010** li sa mill-20 ta' April 2000 it-Tata Indica nru HBC 409 kienet registrata fuq isem Karl Busuttil (konvenut f'din il-kawza). Qabel kellha nru TFD 822 billi TF tindika duty free. Mir-records taghhom ma jirrizultax bdil ta' makna. Bdil bhal dan irid jigi rappurtat lilhom u johrog Logbook gdid. L-ahhar licenza valida fuq dik il-vettura kienet ghas-sena 2005.*

*2 Ix-xhud qal li kien qed jixhed minn fuq l-uniku file li l-ADT kellha dwar dik it-Tata. Muri s-sentenza a fol 15 tal-process odjern qal li jista jkun li dawk kienu proceduri mittiehda mill-Pulizija wara li tkun inkitbet xi ittra. Mill-file jirrizulta l-bdil tan-numru fl-2005.*

*3 Meta raga' xehed qal li l-vettura mhiex "impounded" mill-ADT*

*L L-ahhar li ssejjah, prodott mill-konvenut kien il-* ***Maggur Joseph Mula*** *ghal Elmo Insurance Ltd li qal li mit-23.09.2005 sal 31.08.06 Tata Indica HBC 409 kienet assikurata fuq Lorraine Sapiano. Il-valur assikurat kien €2795 (allura Lm1200). Il-prassi hi li joqghodu fuq stima tal-assikurat.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*It-TRIBUNAL iqis kif gej:-*

*1. L-attrici riedet li, bl-intenzjoni kollha tajba, tixtri t-Tata Indica li ratha ghall-bejgh u dana wara*
*a) Li gie miftiehem il-prezz tal-akkwist fil-quantum ta' Lm1900 li thallas attwalment fi flus kontanti u*
*b) wara li nghatat l-assikurazzjoni li l-vettura ma kienet involuta f'ebda ncident serju*

*2. Id-data preciza tal-akkwist qatt ma ntqalghet minn naha tal-attrici. Mill-Maggur Mula ghal Elmo Insurance nafu li din harget polza fuq it-Tata fit-23 ta' Settembru 2005 u baqghet fis-sehh sal-31 ta' Awwissu 2006. Il-konvenut qal li l-bejgh sar fit-22 ta' Settembru 2005.*

*3. Dan it-taghrif dwar il-polza hu mportanti ghal zewg ragunijiet: id-data tal-hrug tal-polza u s-"sum assured". Dwar il-hrug tal-polza, nistghu nghidu li l-attrici,* ***konformement mal-bona fede taghha fl-akkwist tal-vettura****, marret mill-ewwel tirregola l-pozizzjoni fir-rigward ta' kopertura ta' assikurazzjoni, skont il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Meta tat l-"insured value", naturalment qieset "premium" li deherilha xieraq u xejn izjed.*

*4. B'kuntrast ma dan kollu, tirrizulta sa mill-bidunett il-mala fede tal-konvenut. Veru li dan kien ibati minn dizabilita' fis-smiegh u kliem izda rrizulta li kien jaf il-hin kollu x'inhu ghaddej u anke kellu l-ghajnuna kostanti ta' missieru li, jew kien ikun mieghu jew jitkellem f'ismu. In kontro-ezami l-konvenut stqarr li ma kienx semma lill-attrici li kellu l-incident serju li kien jinvolvi bdil ta' magna. Ma cahadx li l-attrici staqsietu dwar dan u kien ghal kollox* ***verosimili*** *li min ikun ser jixtri vettura wzata jistaqsi jekk din kellhiex xi ncidenti. Ammetta wkoll li kien mgharraf li l-attrici kellha problema bil-VRT pero' ma fehemx ghaliex.*

*Kif jista' wiehed jaccetta din ix-xhieda meta l-konvenut kien jaf, u ma setax ma kienx jaf, li meta ghadda l-Logbook lill-attrici dan kien juri numru ta' magna mod mentri fis-sewwa il-makna attwali* ***gdida****, li hu kien jaf*

*biha, bilfors kellha numru iehor? It-TRIBUNAL konvint li l-attrici mill-bidunett gharrfet bil-problema lill-konvenut izda dan ma tax kaz,* ***basta kien gabar flusu!*** *Beda jitmezmez meta beda jircievi t-tahrikiet li bdew johorgu fuqu bhala licensee tat-Tata u dana fir-rigward tal-kontravvenzjonijiet kommessi mill-attrici.*

*5. It-TRIBUNAL josserva li l-attrici, li harget flusha biex ikollha vettura ha tinqeda biha, sabet li* ***bi htija u nuqqas imputabbli unikament lill-konvenut****, ma setghetx dgawdi l-car bil-kwiet kif kienet intitolata taghmel. Hawn beda bhal tug-of-war bejn il- kontendenti filli hu ma riedx ihallas ghat-trasferiment (****li messu ghamel fil-bidunett****) qabel hi thallsu tal-kontravvenzjonijiet. Din kienet sitwazzjoni* ***provokata unikament minnu.***

*6. L-istorja kollha spiccat kif muri fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta tat-Traffiku Kawza nru 70 Il-Pulizija vs Karl Busuttil (a fol 17) fejn l-imputat, inter alia accetta li jiehu lura l-vettura u Lorraine Sapiano, parte civile f'dawk l-atti rriservat kull dritt lilha spettanti. It-TRIBUNAL iqis li r-relazzjoni legali bejn il-kontendenti odjerni* ***ggeddet*** *minn dak il-jum, jigifieri l-5 ta' Frar 2009.*

*7. Il-kawza prezenti giet intavolata fit-18 ta' Marzu 2009 u kwindi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tintlaqa'.*

*8. Veru li l-attrici, bla bzonn ta' xejn, dahlet f'bahar ta' nkwiet b'tort uniku tal-konvenut, kif imfisser, izda tal-uzu li ghamlet tat-Tata trid thallas u allura, b'sens ta' ekwita u atbitrio boni viri t-TRIBUNAL qed jiffissa bhala elfejn u tliet mitt Ewro (€2300) il-quantum li l-attrici ghandha tigbor minghand il-konvenut.*

***DECIZJONI***

*IT-TRIBUNAL*

*Wara li sama' lid-difensuri u qies dak kollu migjub hawn fuq jiddeciedi billi wara li, riferibilment ghall-eccezzjoni numru 1 dik preliminari jiehu nota tal-"quantum" kif ridott fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2009 a fol 6 u allura din l-eccezzjoni ma jiehux izjed nota taghha. (1)* ***jichad*** *t-tieni eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut, (2)* ***jilqa'*** *it-tielet eccezzjoni tal-konvenut limitatament ghal dak mitlub in eccess tal-quantum ta' €2300 u allura (3)* ***tilqa'*** *t-talba tal-attur fl-ammont ridott imsemmi u jghaddi biex (4)* ***jikkundanna*** *lill-konvenut ihallas lill-attrici l-quantum ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300) bl-ispejjez kif mitluba fl-AVVIZ izda l-imghax fuq dan il-quantum jidba ghaddej millum sal-jum tal-pagament effettiv."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Karl Busuttil datat 17 ta' Gunju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez b'dan li minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellata Lorraine Sapiano datata 28 ta' Dicembru 2011 a fol 9 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenzi tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 30 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji huma li (a) it-Tribunal ma ghandux kompetenza li jisma' kawzi ta' natura dikjaratorji u dan ghaliex qabel ma l-appellant jigi kkundannat ihallas l-ammont mertu tal-kawza odjerna kellu jiddeciedi fuq jekk il-kuntratt ta' bejgh huwiex null u allura sabiex jigi rexizz il-kuntratt u ghalhekk it-talba kif proposta tezorbita mill-kompetenza ta' l-istess Tribunal; (b) it-talba ghar-rexizzjoni ta' kuntratt hija preskritta a bazi tal-**artikolu 1222 tal-Kap. 16;** (c) id-dikjarjazzjoni li ghamel fil-proceduri kriminali li jiehu lura l-vettura kienet minghajr pregudizzju u l-proceduri kriminali u civili huma distinti u separati minn xulxin; (d) l-ammont huwa esegerat ghaliex ma hax konjizzjoni taz-zmien li l-appellata zammet il-vettura ghandha u wkoll il-karozza sitt snin qabel kienet tiswa iktar milli tiswa llum.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta li l-azzjoni kif impostata saret mhux abbazi ta' actio redhibatoria jew rexizzjoni ta' kuntratt izda fuq l-obbligazzjoni assunta mill-appellanti li jiehu l-karozza lura kif verbalizzat fis-seduta tal-proceduri kriminali datata 5 ta' Frar 2009 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Karl Busuttil" deciza fil-5 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali (SD). Per konsegewza ta' din l-obbiligazzjoni jirrizulta li l-istess ftehim li setgha kien hemm bejn il-partijiet gie xolt u allura l-istess appellant kien obbligat li jhallas lura l-ammont li rcieva minghand l-appellata ghat-trasferiment tal-istess vettura, trasferiment li mal-Awtoritajiet ma sehhx ghar-ragunijiet imputabbli lill-appellanti kif indikat fid-decizjoni tat-Tribunal. Fil-fatt dan huwa rifless fl-istess decizjoni tat-Tribunal meta sostna li *"It-TRIBUNAL iqis li r-relazzjoni legali bejn il-kontendenti odjerni ggeddet minn dak il-jum, jigiefieri l-5 ta' Frar 2009".* Dan huwa bizzejjed sabiex dan l-ewwel aggravju jigi michud.

Illi pero' jrid jinghad ukoll li din hija eccezzjoni (jew aggravju f'dan il-kaz) li lanqas biss tqajjem quddiem it-

Tribunal u allura lanqas jista' jitqajjem f'dan l-istadju (**"Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina"** (A.C. – 16 ta' Marzu 2004); **"Arthur Valletta vs Mario Cutajar et"** (A.C. – 1 ta' Frar 2008); mbaghad l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza kellha titqajjem fl-ewwel grad u ma tistax tigi sollevata fil-grad ta' appell u dan ghaliex huwa stabbilit li *"l-eccezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistghux jinghataw u lanqas ma jistghu jigu ddikjarati ex ufficcio f'Qorti fi grad ta' appell"* (**"Carmelo Mifsud vs Giuseppe Vella"** A. C. – 30 ta' Lulju 1995); **"Anthony Fenech et vs Anthony Gauci et"** (A.C. – 9 ta' Marzu 1999); **"Adelina Sant vs Emanuel Caruana et"** (A.I.C. (PS) – 10 ta' Jannar 2007) u dan anke ghaliex l-eccezzjoni ta' inkompetenza tigi kkunsidrata bhala rinunzjata jekk ma titqajjimx *in limine litis* **("Commercial Services Bureau (CSB) Limited vs Grima Communications Limited"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Gunju 2004). B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 1222 tal-Kap. 16,** din ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami u dan peress li din ma hijiex kawza ta' rexizzjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz etc. hemm kontemplati, izda impostata fuq dikjarazzjoni u assunzjoni ta' obbligu *da parte* tal-appellant li jiehu l-vettura lura. B'hekk it-tieni aggravju qed jigi michud.

Illi jinghad ukoll li ma jirrizultax li l-istess appellant ghamel tali dikjarazzjoni li jiehu l-karozza lura fl-atti gudizzjarji kriminali li kienu istitwieti kontra tieghu minghajr pregudizzju u allura dak li qed isostni l-istess appellant fir-rikors tieghu odjern lanqas biss ghandu mis-sewwa, u dan huwa iktar gravi meta tali dikjarazzjoni jirrizulta li ghamilha waqt seduta tal-Qorti tal-Magistrati kompetenza kriminali fil-5 ta' Frar 2009 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Karl Busuttil" deciza fil-5 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali (SD). Mela allura l-aggravji tal-appellanti ndikati bhala (b) u (c) f'din id-decizjoni qed jigu wkoll michuda.

Illi dwar l-ahhar aggravju jidher li l-konsegwenza tar-ritorn tal-vettura kien li huwa min-naha tieghu jirrifondi lill-appellata dak li rcieva u fil-fatt l-istess Tribunal hekk

ghamel fil-kompetenza tieghu dwar l-ammont u wkoll *arbitro boni viri* tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u allura anke dan l-aggravju qed jigi respint.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' risposta tal-appell tal-appellata datata 28 ta' Dicembru 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti Karl Busuttil fir-rikors tal-appell tieghu datat 17 ta' Gunju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Lorraine Sapiano vs Karl Busuttil" (Avviz Numru 209/09/YMS) deciza fit-30 ta' Mejju 2011.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Karl Busuttil.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------